32006D0355

19.5.2006 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 132/37

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Mejju 2006

li twaqqaf grupp ta' esperti fuq il-mobilità tal-klijent f'relazzjoni mal-kontijiet tal-bank

(2006/355/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

(1) L-Artikolu 3 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ħalla f'idejn il-Komunità Ewropea l-ħidma biex tiżgura l-ħolqien ta' suq intern ikkaratterizzat mit-tneħħija tax-xkiel għall-moviment ħieles tal-oġġetti, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital bejn l-Istati Membri.

(2) Il-Kummissjoni tixtieq tidentifika kwalunkwe xkiel legali, regolatorju, amministrattiv jew ta' natura oħra għall-mobilità tal-klijent f'relazzjoni mal-kontijiet tal-bank, u tixtieq tkun avżata dwar kif għandha tindirizza dan ix-xkiel.

(3) Il-White Paper dwar il-Politika tas-Servizzi Finanzjarji għall-2005 sal-2010[1] tipprovdi għat-twaqqif ta' grupp ta' esperti fuq il-mobilità tal-klijent f'relazzjoni mal-kontijiet tal-bank.

(4) Il-grupp irid ikun magħmul minn individwi li huma kompetenti fil-qasam tal-mobilità tal-kliejnt f'relazzjoni mal-kontijiet tal-bank.

(5) Il-grupp ta' esperti fuq il-mobilità tal-klijent f'relazzjoni mal-kontijiet tal-bank għandu għalhekk jitwaqqaf u għandhom jingħataw id-dettalji dwar it-termini ta' referenza u l-istruttura tiegħu,

---

[1] COM (2005) 629 finali.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-grupp ta' esperti fuq il-mobilità tal-klijent[2] f'relazzjoni mal-kontijiet tal-bank, li minn hawn 'il quddiem qed jissejjaħ "il-grupp" huwa, permezz ta' dan, imwaqqaf mill-Kummissjoni.

Artikolu 2
Kompitu

Il-kompitu tal-grupp huwa li:

– Jidentifika kwalunkwe xkiel

– legali, regolatorju, amministrattiv u xkiel ieħor għall-mobilità tal-klijent f'relazzjoni mal-kontijiet tal-bank. B'mod partikulari, il-grupp għandu jidentifika kwalunkwe xkiel fil-ftuħ ta' kont tal-bank f'pajjiż ieħor kif ukoll fit-tibdil tal-bank kemm f'pajjiżu stess kif ukoll f'pajjiż ieħor (per eż. l-ispejjeż tal-ftuħ, taż-żamma u tal-għeluq ta' kont tal-bank, l-ispejjeż tat-trasferiment dirett ta' kont minn bank għall-ieħor, eċċ.).

– Jagħti parir lill-Kummissjoni dwar kif ix-xkiel identifikat għandu jkun indirizzat.

– Jikkunsidra l-merti tat-tfassil ta' kont tal-bank standard fakultattiv tal-UE.

– Joħroġ rapport bis-sejbiet u l-pariri tiegħu.

Artikolu 3
Kompożizzjoni - Ħatra

1. Il-membri tal-grupp għandhom jinħatru mill-Kummissjoni minn esperti kompetenti fil-qasam kopert mill-mandat tal-grupp, abbażi ta':

   – proposti minn assoċjazzjonijiet Ewropej jew nazzjonali, li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti u tal-industrija tas-servizzi finanzjarji, li jkunu wieġbu għal sejħa għal espressjoni ta' interess;

   – tweġibiet għal sejħa għal espressjoni ta' interess minn individwi b'kuntest akkademiku.

2. Il-grupp għandu jkun magħmul minn massimu ta' 20 membru.

3. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

[2] Għall-iskopijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-klijent għandu jkun iddefinit bħala konsumatur individwali jew SME.

– il-membri proposti minn assoċjazzjonijiet Ewropej jew nazzjonali, li jirrappreżentaw l-interessi tal-klijenti u tal-industrija tas-servizzi finanzjarji, għandhom jinħatru bħala rappreżentanti tal-persuni interessati;

– il-membri b'kuntest akkademiku għandhom jinħatru f'kapaċità personali;

– il-mandat tal-membri tal-grupp għandu jibda bl-ewwel laqgħa tal-grupp u jintemm bil-ħruġ ta' rapport, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2007. Huma għandhom jibqgħu membri sakemm jinbidlu minn ħaddieħor jew sakemm jispiċċa l-mandat tagħhom;

– il-membri li ma jkunx għadhom f'pożizzjoni li jikkontribwixxu b'mod effettiv fid-deliberazzjonijiet tal-grupp, li jirriżenjaw jew li ma jirrispettawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel, fit-tieni jew fit-tielet inċiż ta' dan il-paragrafu jew fl-Artikolu 287 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, jistgħu jinbidlu għall-perjodu taż-żmien li jkun fadallu l-mandat tagħhom;

– l-ismijiet tal-membri se jkunu ppubblikati fuq is-sit tal-internet tad-DĠ għas-Suq Intern u għas-Servizzi. L-ismijiet tal-membri għandhom jinġabru, jiġu pproċessati u ppubblikati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali.

– il-membri maħtura f'kapaċità personali kull sena għandhom jiffirmaw dikjarazzjoni fejn jistqarru li huma jaġixxu fl-interess pubbliku kif ukoll dikjarazzjoni li tikkonferma n-nuqqas jew l-eżistenza ta' kwalunkwe interess li jista' jaffettwa l-oġġettività tagħhom.

Artikolu 4
Il-ħidma

1. Il-Kummissjoni għandu jkollha l-presidenza tal-grupp.

2. Bi ftehim mal-Kummissjoni, jistgħu jitwaqqfu sottogruppi biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi skont it-termini ta' referenza stabbiliti mill-grupp; dawn għandhom jiġu xolti hekk kif dawn it-termini jkunu ġew sodisfatti.

3. L-osservaturi li għandhom kompetenza speċifika f'suġġett li qiegħed fl-aġenda jistgħu jiġu mistiedna mill-president sabiex jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet tal-grupp jew tas-sottogrupp jekk dan ikun huwa utli u/jew meħtieġ.

4. L-informazzjoni miksuba mill-parteċipazzjoni fid-deliberazzjonijiet tal-grupp jew tas-sottogrupp ma tistax tixtered jekk il-Kummissjoni tiddikjara li din hija marbuta ma' kwistjonijiet kunfidenzjali.

5. Il-grupp u s-sottogruppi tiegħu ġeneralment jiltaqgħu fil-bini tal-Kummissjoni skont il-proċeduri u l-iskeda stabbiliti minnha. Il-Kummissjoni tipprovdi s-servizzi tas-segretarjat. Uffiċjali tal-Kummissjoni li għandhom interess fil-proċeduri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-grupp u tas-sottogruppi tiegħu.

6. Il-grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu abbażi tar-regoli ta' proċedura standard adottati mill-Kummissjoni[3].

7. Il-Kummissjoni tista' tippubblika fuq is-sit tal-internet tad-DĠ għas-Suq Intern u għas-Servizzi, fil-lingwa oriġinali tad-dokument ikkonċernat, kwalunkwe sommarju, konklużjoni, jew konklużjoni parzjali jew dokument ta' ħidma tal-grupp.

Artikolu 5
L-ispejjeż tal-laqgħat

1. L-ispejjeż tal-vjaġġ u tal-akkomodazzjoni mħallsa mill-membri u mill-osservaturi fl-ambitu tal-attivitajiet tal-grupp għandhom jintrifdu mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan din tal-aħħar. Il-membri ma għandhomx jitħallsu għas-servizzi tagħhom.

2. L-ispejjeż tal-laqgħat għandhom jintrifdu fil-limiti tal-approprjazzjonijiet allokati għad-dipartiment ikkonċernat fl-ambitu tal-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

Artikolu 6
Id-dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha mill-Kummissjoni. Għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni
Charlie McCREEVY
Membru tal-Kummissjoni

[3] L-Anness III tad-dokument SEC(2005)1004.